



Brussell, 29 ta' Marzu 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0116(COD)

7872/19
ADD 1

CODEC 787
AVIATION 67

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar is-salvagwardja tal-kompetizzjoni fit-trasport bl-ajru, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 868/2004 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mill-Greċja

Il-Greċja tixtieq tiringrazzja lill-Presidenza għall-isforzi tagħha biex jintlaħaq qbil mal-Parlament Ewropew, iżda sfortunatament hija ma tistax tappoġġa t-test ta' kompromess finali u ser tivvota kontra. L-eżitu tan-negozjati jvarja b'mod sinifikanti mill-Approċċ Ġenerali, li diġà ma kienx aċċettabbli għall-Greċja, u li ma jiħux kont tat-tħassib tagħna, li tqajjem b'mod konsistenti fl-istadji kollha tad-diskussjonijiet dwar dan il-fajl.

Ir-raġunijiet għall-pożizzjoni tal-Greċja huma, fost l-oħrajn:

- In-nuqqas ta' ċarezza fis-suġġett u fir-rigward ta' ċerti definizzjonijiet importanti (bħal "theddida ta' ħsara", "l-interess tal-Unjoni", "ħsara irriversibbli") kif ukoll fir-rigward tal-proċedimenti, iwassal għal inċertezza legali.

- Il-prattiki li jfixklu l-kompetizzjoni mhumiex imsemmija b'mod espliċitu u l-miżuri ta' rimedju operazzjonali previsti fil-proposta mhumiex elenkati b'mod eżawrjenti, u b'hekk tinħoloq aktar ambigwità. Barra minn hekk, m'hemm ebda "eskalazzjoni" ta' dawn il-miżuri skont il-portata tal-ħsara, u għaldaqstant m'hemm la prevedibbiltà legali, u lanqas rabta bejn Prattika speċifika u r-"rimedju" rispettiv.
 - Ir-Regolament jista' jkollu impatt qawwi fuq ir-relazzjonijiet bilaterali tal-Istati Membri ma' partijiet terzi, fil-qasam tal-avjazzjoni; dan huwa minħabba, fost l-oħrajn, l-inkompatibbiltà li jidher li hemm bejn it-test propost u d-dispożizzjonijiet dwar is-soluzzjoni tat-tilwim li jinsabu fil-ftehimiet bilaterali dwar it-trasport bl-ajru. Għalhekk, l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' timpedixxi lill-Istati Membri milli jissodisfaw l-obbligi internazzjonali tagħhom.
-